



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Jannar 2024
(OR. en, it)

5028/24
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0350(NLE)

PECHE 2

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	REGOLAMENT tal-Kunsill li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2024 • Dikjarazzjoni mill-Italja

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Taljana b'rabta mal-abbozz ta' Regolament imsemmi hawn fuq.

DIKJARAZZJONI MILL-ITALJA dwar il-vot fil-plenarja**Proposti għal regolamenti dwar it-TACs u l-kwoti ewlenin u t-TACs u l-kwoti għall-Mediterran**

Filwaqt li tirrikonoxxi l-isforzi magħmula minn diversi partijiet biex jintlaħaq kompromess, l-Italja hija diżappuntata u jiddispjaċiha dwar l-eżitu tan-negozjati rigward il-proposti għal regolamenti dwar it-TACs u l-kwoti ewlenin u l-kwoti ewlenin u t-TACs u l-kwoti għall-Mediterran peress li ma setgħux jinstabu soluzzjonijiet li huma għalkollox konformi mal-prinċipji tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Analiżi tad-data dwar is-sajd turi diskrepanzi sostanzjali fid-deċiżjonijiet meħuda, b'mod partikolari dwar l-istokk tas-sallura, fejn jidher nuqqas ta' konsistenza fl-għażliet politiċi fir-rigward tal-ġestjoni tas-sajd fil-Mediterran tal-Punent.

Fatturi soċjoekonomiċi ma ġewx ikkunsidrati sew, u b'hekk ġew ipperikolati l-flotot fil-Mediterran tal-Punent u ddgħajfet is-sitwazzjoni tal-impjieg fil-komunitajiet kostali.

Biex tinkiseb flessibbiltà, l-Italja, u mhux hi biss, ipproponiet miżuri ta' kumpens progressiv sa 7 % sabiex jibbilanċja s-sostenibbiltà ambjentali mas-sostenibbiltà soċjoekonomika għall-komunitajiet marittimi.

Fid-dawl tad-deċiżjonijiet meħuda u n-nuqqas ta' kunsiderazzjoni bbilanċjata ta' dawn l-aspetti differenti, l-Italja ser tivvota kontra r-regolamenti proposti waqt li tkompli thegġegħ approċċ aktar bilanċjat li jintegra l-aspetti ambjentali, ekonomiċi u soċjali.